



# NINVESTU FIN-NIES

INKOMPLU NTEJBU L-PROGRAMM ERASMUS

#EUBudget #EUROad2Sibiu #FutureofEurope



Mejju 2018



*L-edukazzjoni, it-taħriġ, il-mobbiltà u l-kooperazzjoni bejn il-fruntieri nazzjonali huma fatturi kritiċi għax jagħtu lill-Ewropej l-gharfiex, il-ħiliet u l-kompetenzi li jħarsu 'l-quddiem li jeħtieġ biex ikunu innovattivi u jistagħnew fid-dinja tax-xogħol tal-ġejjieni. M'hemm l-ebda strument Ewropew aħjar minn Erasmus li jikkultiva dan. Billi nirdop-pjaw il-baġit tiegħu nistgħu niżguraw li Erasmus jista' jħalli impatt akbar fuq ħajjithom u joħloq opportunitajiet għal ħafna aktar nies minn sfondi differenti."*

Tibor Navracsics, il-Kummissarju għall-Edukazzjoni, il-Kultura, iż-Żgħażaq u l-Isport, fl-avveniment finali tat-30 anniversarju tal-Erasmus, Brussell, it-30 ta' Novembru 2017

Sa mit-tnedja tiegħu fl-1987 Erasmus ippermetta lil 9 miljun ruħ jistudjaw, jitħarrġu, jagħimlu volontarjat u jiksbu esperimenta professjonal barra minn pajjiżhom. Għall-programm Erasmus tal-futur, li jseħħi mill-**2021 sal-2021, il-Kummissjoni tiproponi li tirdoppja l-baġit tiegħu għal EUR 30 biljun**. Dan se jippermetti lil 12-il miljun persuna jipparteċipaw fil-programm, tliet darbiex in-numru li attwalment jistgħu jipparteċipaw.

## jarrikkixxi l-ħajjet,

jiftaħ l-imħuħ permezz ta' opportunitajiet ta' tagħlim barra mill-pajjiż, sħubijiet iffinanzjati mill-UE u appoġġ għal riforma

**2014 - 2020**

**14,7** biljun euro

Opportunitajiet barra mill-pajjiż  
għal aktar minn 4 miljun ruħ

**4**

**2021 - 2027**

**30** biljun euro

Opportunitajiet barra mill-pajjiż  
għal aktar minn 12-il miljun ruħ



**12**

Sors: A Modern Budget for a Union that Protects, Empowers and Defends. The Multiannual Financial Framework 2021-2027.

## **DAQQA T'GħAJN LEJN IL-FUTUR TAL-PROGRAMM ERASMUS:**

- Ħafna aktar nies li se jibbenefikaw mill-programm
- Aktar sempliċi u aċċessibbli għal persuni b'inqas opportunitajiet u għal gruppi żgħar u organizzazzjonijiet lokali
- Aktar appoġġ effettiv għall-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażaqgħ u l-isport, inkluż il-ħolqien ta' Żona Ewropea tal-Edukazzjoni sal-2025

## **IL-PROGRAMM ERASMUS 2021–2027 LI JMISS ...**

### **NAGħMLUH AKTAR INKLUŻIV**

- Il-persuni żvantaġġati jkunu jintlaħqu aktar permezz ta' formati ġodda bħal skambji virtwali u perjodi ta' tagħlim aqsar barra l-pajjiż
- Il-ħolqien ta' aktar opportunitajiet għat-tfal tal-iskola, biex jitgħallmu barra l-pajjiż u jitlaqqi ma' studenti minn pajjiżi differenti permezz tal-eTwinning, l-akbar netwerk tal-għalliema fid-din ja' jiż-żgħixx

### **NAGħMLUH AKTAR AĊĊESSIBBLI**

- Il-programm se jinfetaħ għal organizzazzjonijiet iż-ġħar u lokali, sabiex il-parteċipanti jkunu jistgħu jistabbilixu sħubbi fuq skala żgħira – bil-ħolqien ta' proġetti iqsar li jinvolvu inqas flus u rekwiżiti amministrattivi iktar sempliċi
- Jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq il-benefiċjarji kollha, pereżempju b'sempliċi applikazzjoni online.

### **NESPANDUH U NIMMIRAWH GĦALL-FUTUR**


- L-appoġġ għall-kooperazzjoni bejn l-universitajiet Ewropej li jinsabu fi Stati Membri differenti ġalli jiġu stabbiliti netwerks ta' "Universitajiet Ewropej" sabiex jiżdiedu l-kwalità, il-prestazzjoni u l-attrazzjoni tagħhom
- L-appoġġ għall-iżvilupp ta' "Ċentri ta' eċċellenza professionali", stabbilimenti li joffru edukazzjoni u taħriġ vokazzjoni li se jaġixxu bħala muturi għall-eċċellenza u l-innovazzjoni f'dan il-qasam
- Tingħata spinta lill-iskambji sportivi Erasmus sportivi li tippermetti lill-ħarrieġa u l-personal tal-isport biex jit-ġħallmu barra minn pajjiżhom permezz ta' korsijiet, żjarat ta' studju u monitoraġġ tal-impieg

### **NAGħMLUH AKTAR INTERNAZZJONALI**

- Nestendu l-opportunitajiet għall-istudenti żgħażaqgħi Ewropej fl-edukazzjoni ogħla u nintroduċu l-possibbiltà għall-istudenti vokazzjonal li jiksbu esperjenza barra mill-Ewropa

## DiscoverEU:

Opportunità unika għal dawk li għandhom 18-il sena biex jesploraw l-Ewropa



B'

**700 miljun ewro**

l-UE se tappoġġja l-ivvjaġġar ta'


**1.5 miljun**

żagħżugħi Ewropew bejn l-2021  
u l-2027

Sors: il-Kummissjoni Ewropea

Erasmus se jipprovdi aktar appoġġ lis-setturi kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ kif ukoll liż-żgħażaq u lis-setturi tal-isport

Allocazzjoni ta' Erasmus  
lis-setturi f'biljuni



\* only reflecting the minimum pre-allocated funding

Sors: il-Kummissjoni Ewropea

## KONT TAF LI:

- > L-alumni tal-Erasmus għandhom īħafna aktar ċans li jsibu impjieġ malajr wara l-lawrja u jaqilgħu aktar mill-pari tagħhom li ma marrux barra l-pajjiż
- > wara skambju Erasmus, 83 % tal-istudenti tal-edukazzjoni għolja iħossuhom aktar Ewropej
- > permezz tal-programm Erasmus, l-appoġġ lingwistiku online mhux disponibbli biss għall-istudenti tal-iskambji tal-Erasmus, iżda wkoll għar-refuġjati
- > l-app tal-Erasmus tiggwida l-partēcipanti permezz tal-esperjenza ta' tagħlim tagħhom u tagħmlilhom l-esperjenza tagħhom aktar faċċi

### IL-PJATTAFORMA TAR-RIŻULTATI TAL-PROġETTI ERASMUS

<http://ec.europa.eu/programmes/erasmus-plus/projects/>

Il-Lussemburgo: L-Uffiċju tal-Pubblikkazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2018

© L-Unjoni Ewropea, 2018

L-użu mill-ġid luu awtorizzat kemm-il darba  
jissemma s-sors orīginali.

Il-politika tal-użu mill-ġid tad-dokumenti tal-Kummissjoni Ewropea hija regolata bid-Deċiżjoni  
2011/833/UE (ĠU L 330, 14.12.2011, p. 39).

Għal kull użu jew riproduzzjoni ta' ritratti jew  
materjal ieħor li mhuwiex taħt id-drittijiet  
tal-awtur tal-UE, għandu jintalab permess  
direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet.



L-Uffiċju tal-Pubblikkazzjonijiet